

## DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 8/2007

tas-27 ta' April 2007

li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) għall-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'il-Ftehim', u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness II tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 147/2006 tat-8 ta' Diċembru 2006 <sup>(1)</sup>.
- (2) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/53/KE tas-7 ta' Ġunju 2006 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 90/642/KEE fir-rigward tal-livelli massimi tar-residwi tal-fenbutatin-oxide, fenhexamid, cyazofamid, linuron, triadimephon/triadimenol, pymetrozine, u pyraclostrobin <sup>(2)</sup> għandha tkun inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-inċiż li ġej għandu jiġi miżjud fil-punt 54 (Direttiva tal-Kunsill 90/642/KEE) tal-Kapitolu II ta' l-Anness XII għall-Ftehim:

“— **32006 L 0053**: Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/53/KE tas-7 ta' Ġunju 2006 (ĠU L 154, 8.6.2006, p. 11).”

*Artikolu 2*

It-testi tad-Direttiva 2006/53/KE fil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppublikati fis-Suppliment ŻEE tal-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar it-28 ta' April 2007, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE. (\*)

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippublikata fis-Sezzjoni ŻEE ta', u fis-Suppliment ŻEE għall-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, 27 ta' April 2007.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Alan SEATTER

<sup>(1)</sup> ĠU L 89, 29.3.2007, p. 17.

<sup>(2)</sup> ĠU L 154, 8.6.2006, p. 11.

(\*) Ebda ħtiġijiet kostituzzjonali m'huma indikati.